# *Tagħrif Ġenerali*

minn Odette Fsadni



Gheziez Hbieb,



Din is-sena nixtieq li naqsam magħkom ftit informazzjoni dwar il-kompozitur Malti Mro. Robert Sammut li kkompona l-Innu Malti. Min jaf kemm nisimgħu l-Innu Malti waqt okkazjonijiet statali u importanti, pero ma nafux taghrif bizzejjed fuq l-istorja tiegħu.

Mro. Robert Sammut huwa l-kompożitur ta' l-Innu Nazzjonali. Twieled ġewwa l-Furjana fl-17 ta' Ottubru 1869. Bħala professjoni kien tabib, fejn studja gewwa l-Universita' ta' Malta. Kompla l-istudji tiegħi ġewwa l-Universita' ta' Edinburgh fejn ġab aktar kwalifiki fl-anatomija.

## L-istorja ta' l-Innu Malti




L-istorja tmur lura għan-nofs is-seklu dsatax sas-snin tletin meta Malta kienet għaddeja minn bidla fuq il-lat patrijottiku, b'ħafna nies Maltin jħossu li Malta għandu jkollha l-innu nazzjonali tagħha. Fl-1850, Ġan Anton Vassallo ikkompona Innu Lil Malta, li kien jiġi wżat f'diversi manifestazzjoni u laqgħat politiċi Maltin. Fl-1922, il- Mro. Robert Samut ikkompona melodija qasira. Ghaddiet sena, Dr. A.V. Laferla, kap tal-iskejjel primarji f'Malta f'dak iz-zmien u ġietu f'idejh din il-kompożizzjoni hekk kif hu xtaq li jkollu innu li jista' jiġi kantat mill-istudenti fl-iskejjel Maltin. Laferla staqsa lil Dun Karm Psaila biex jikteb lirika li tkun tista' taqbel mal-melodija ta' Robert Samut.




Dun Karm Psaila kien magħruf ħafna għall-ħsibijiet reliġjużi u patrijottiċi li kien jikteb fil-poeżiji tiegħu, u fil-versi li kiteb ma naqasx li jdaħħal dawn l-elementi. L-innu kien diġà beda jindaqq f'Diċembru tal-1922, ħafna drabi fl-iskejjel tal-istat. L-ewwel darba li nstama' dan l-innu fil-pubbliku kien fis-27 ta' Diċembru 1922 u darb'oħra fis-6 ta' Jannar 1923, waqt żewġ kunċerti fit-Teatru Manwel.

Madanakollu, matul dawn iż-żewġ dehriet, tbiddlu xi versi mill-ewwel stanza. Din irrabjat lil Dun Karm, li pprotesta għal din permezz ta' artiklu f'gazzetta lokali. Minn dakinhar 'il quddiem l-ebda kelma ma ġiet mibdula. Fit-3 ta' Frar 1923, żewġ kunċerti oħra saru fit-Teatru Manwel bil-parteċipazzjoni ta' tfal minn Tas-Sliema li kantaw il-versi oriġinali ta' Dun Karm. L-innu indaqq mid-Duke of Edinburgh's Band tal-Birgu.

Fit-22 ta' Frar 1941, il-gvern Malti ddikjara l-innu bħala l-innu uffiċjali ta' Malta. Il-Kostituzzjoni tal-Indipendenza tal-1964 ikkonfermatu bħala l-Innu Nazzjonali ta' Malta, li illum hu wieħed mis-simboli tal-identità Maltija. Inċident interessanti seħħ fil-25 ta' Marzu 1945, waqt partita futbol bejn selezzjoni Maltija u t-tim Jugożlav ta' Hajduks li ntlagħbet fl-Istadju tal-Gżira. F'dak iż-żmiem, Malta kienet għadha taħt l-Ingliżi, u l-Gvernatur Brittaniku ma kienx preżenti.

Qabel il-partita, il-banda daqqet l-innu tal-Jugożlavja, u wara l-innu tal-Gran Brittanja, minħabba li Malta kienet għadha stat kolonjali. Hekk kif il-gvernatur kien se jpoġġi, in-nies kollha qamu u bdew ikantaw l-Innu Malti. Il-Gvernatur, minkejja li kien imbarazzat, baqa' bil-wieqfa sal-aħħar tal-innu. L-Innu jindaqq kuljum fuq il-medja, u anki waqt il-qadi uffiċjali tal-President ta' Malta, tal-Prim Ministru ta' Malta, u dawk tal-personalitajiet statali oħra. Fl-iskejjel u waqt attivitajiet nazzjonali importanti, l-Innu Malti jindaqq ukoll.

Innu Malti nistgħu niddeskrivuh bħala talba li ħierġa mill-qalb. L-innu jindaqq waqt kull funzjoni li jattendu għaliha il-President ta' Malta, il-Prim Ministru u personalitajiet oħra importanti fil-gvern. Jindaqq ukoll filgħodu fl-iskejjel u waqt okkażjonijiet nazzjonali importanti. Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba!

*L-Innu Malti*

